MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru 385/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Tabone)**

**v.**

**Mario Attard**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Attard bin Paul u Lucija nee` Spiteri, imwieled nhar l-24 ta’ Mejju 1962, residenti fil-fond numru 151, Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 27662(G) li gie akkuzat talli nhar l-14 ta’ Awwissu 2010 ghal habta ta’ 23:30 hrs fi Pjazza Vittorja, Xaghra, Ghawdex:

1. bi ksur tal-licenzja li tippermetti tqeghid ta’ mwejjed u siggijiet ai termini tal-Art 15(1) tal-A.L. 128

tal-2002 kif sussegwentement emendat bhala detentur tal-licenzja u ghalhekk persuna responsabbli mit-tmexxija tal-istabbiliment Oleander Restaurant li qieghed ix-Xaghra pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet barra l-ispazju permess mil-licenzja u dan ukoll bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja tal-imsemmija stabbiliment skont l-Artikolu 23(1) tal-A.L. 128 tal-2002 bi ksur ta-Artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409;

2. u aktar talli sar recediv b'sentenza moghtija nhar is-7 ta' Mejju 2009 mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra (Artikolu 49 tal-Kapitolu 9);

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-20 ta' Settembru, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Mario Attard hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' elf u hames mitt Euro (€1500) u inoltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-imputat sabiex fi zmien tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza jnehhi l-kawza tar-reat u jhares il-kundizzjonijiet imposti fil-licenza.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Mario Attard minnu prezentat fil-5 ta' Ottubru 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi id-depozizzjonijiet tal-persuni li xehedu quddiemha u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

**5.** Il-fatti fil-qosor ta' dan il-kaz kif irrizultaw mill-provi mismugha huma kif gej. L-appellant huwa detentur ta' licenzja tar-restaurant bl-isem Oleander f'numru 149, fi Triq il-Knisja, ix-Xaghra Ghawdex. Huwa ghandu wkoll *encroachment permit* sabiex izomm tlett imwejjed flimkien mas-siggijiet taghhom quddiem ir-*restaurant* skont kif muri fuq skizz tad-Dipartiment tal-Artijiet LD 1/91 u dan skont il-kunidizzjonijiet tal-istess permess. Skont l-iskizz msemmi l-appellant kien gie allokat area ta' 1.7 m x 5.1 m li fihom

huwa seta' jzomm l-imwejjed. Wara telefonata anonima li rceviet il-Pulizija fis-sens li r-restaurants u bars li kien hemm fil-Pjazza tax-Xaghra kellhom mwejjed u siggijiet barra aktar minn dak permess, l-ufficjali tal-pulizija PS 664 J. Xerri u PC 102 A. Portelli ghall-habta tal-11.30 pm marru fuq il-post biex jinvestigaw u rrizultalhom li fost l-istabbilimenti li spezzjonaw kien hemm l-Oleander Restaurant li fuq barra tal-hanut kellu numru ta' mwejjed u siggijiet li fil-fehma taghhom kien akbar minn dak permess. Fil-fehma taghhom l-imwejjed u siggijiet kienu jokkupaw zona ta' kejl akbar minn dak koncess fil-permess u cioe' akbar minn 1.7 m x 5.1 m. Huma tkellmui ma' Daniel Magrin, li kien qieghed jagixxi ta' sostitut ghall-imputat appellant, u dan qalilhom li kellu kollox in regola. Meta l-pulizija, izda, ghamlu l-verifiki taghhom xorta baqghu tal-fehma li l-imputat kellu barra l-hanut aktar siggijiet u mwejjed milli kien permess peress l-arja okkupata minnu kienet akbar minn dik allokata lilu skont il-permessi. Ghalhekk ressqu lill-appellant imputat kif inghad.

**6.** L-aggravji tal-appellant fil-qosor huma li gejjin.

1. Waqt li l-artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409 jimponi b'mod generali fuq id-detentur tal-licenzja jiex jottempra ruhu mal-ligi ir-regolament specifiku relevanti ghall-kaz odjern, u cioe' ir-regolament 15(1) tal-A.L. 128 tal-2002, takkolla r-responsabilita' ghar-reat previst fl-istess regolament fuq il-persuna li tqieghed l-imwejjed barra l-fond li jkun mentri mhux talli l-elementi materjali u morali tar-reat ma gewx ippruvati fil-konfront tal-imputat appellant izda dawn huma ghal kollox nieqsa.
2. Il-licenzja tal-imputat, billi hija wahda mill-antiki, ma tispecifikax in-numru ta' siggijiet u imwejjed li jistghu jitqieghdu barra l-istabbiliment izda tispecifika biss l-area tal-ispazju li fihom jistghu jitqieghdu l-imwejjed u s-siggijiet u ma giex ippruvat li tqieghdu xi mwejjed jew siggiijiet 'l barra mill-arja specifikata.

**7.** L-ewwel aggravju tal-appellant huwa wiehed mist li jikkomprendi konsiderazzjonijiet ta' punti ta' dritt u ta' apprezzament ta' provi waqt li t-tieni aggravju huwa

wiehed li jirrigwarda esklussivament l-apprezzament tal-provi. Dwar safejn l-aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi il-gurisprudenza ta' din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**8.** Fil-kaz odjern din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' hi stess lix-xhieda prodotti u allura qieghdha f'pozizzjoni sabiex taghmel apprezzament hi stess tal-istess xhieda.

**9.** Issa l-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak premess.

**10.** F**l-ewwel aggravju** tieghu l-appellant isostni li ghat-tenur tar-regolament 15(1) tar-Regolamenti dwar Attivitajiet Turistici (Disposizzjonijiet Generali), Avviz Legali 128 tal-2002, hija biss il-persuna li effettivament tkun qieghedet l-imwejjed jew ghamara ohra fuq barra mhux skont il-licenzja li tista' tinzamm kriminalment responsabbli ghar-reat taht dak ir-regolament. In sostenn tal-aggravju tieghu l-appellant iccita t-test Ingliz tal-istess subregolament (1) tar-regolament 15 imsemmi. Dak illi naqas li jaghmel l-appellant, izda, huwa li jiccita l-ewwel proviso tal-istess regolament li jipprovdi kif gej:

"Izda l-ksur ta' xi kundizzjoni ta' licenza li ghandha x'taqsam mat-tqeghid ta' mwejjed, siggijiet jew affarijiet ohra jew partijiet minnhom minn detentur ta' licenza jew minn xi persuna ohra jew minn xi agenti li jagixxu bl-awtorita' tad-detentur f'xi spazju msemmi, ghandu wkoll ghall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, jikkostitwixxi reat kontra dawn ir-regolamenti."

**11.** Mix-xhieda ta' Frank Mizzi, rapprezentant tad-Dipartiment tal-Artijiet, u ta' PS 664 Jason Xerri u PC 102 Anthony Portelli jirrizulta li fiz-zmien relevanti r-restaurant in kwistjoni kien qieghed jithaddem minn sostitut tal-

imputat certu Daniel Magrin li kien qieghed jopera r-restaurant minflok l-imputat li kien id-detentur tal-licenza dwar l-istess restaurant. Jirrizulta wkoll li meta l-ufficjali tal-pulizija msemmija ikkonfrontaw lil Daniel Magrin fuq il-post dan ghamilha cjara maghhom li l-imwejjed u s-siggijiet li kien hemm kienu hemm bl-awtorita' tieghu tant li huwa sostna maghhom li kellu kollox regolari u pproducielhom pjanta li suppost kienet turi l-estensjoni tal-area li fiha seta jpoggi l-imwejjed u s-siggiet (Dok JX1 esibit fl-atti tal-kawza P v Daniel Magrin) liema area kienet ferm ikbar minn dik koncessa lilu b'encroachment. Il-pjanta msemmija ma tirrixultax approvata mill-awtoritajiet pubblici kompetenti. Fic-cirkostanzi pruvati Daniel Magrin jinkwadra bhala agent li kien qieghed jagixxi bl-awtorita' tal-imputat appellant u ghalhekk jekk l-agir ta' Daniel Magrin jirrizulta li kien jikkostitwixxi ksur ta' xi kundizzjoni tal-licenzja tal-imputat dwar tqeghid ta' mwejjed u siggijiet jikkostitwixxi r-reat dedott kontra l-imputat appellant in kwantu responsabbli li jara li jigu mharsa l-kundizzjonijiet tal-licenzja mahruga lilu.

**12.** Irrizulta mill-provi li fost il-kundizzjonijiet tal-licenza mahruga lill-imputat appellant fuq l-istabbiliment ta' Oleander Restaurant hemm dik li jzomm mwejjed u siggijiet fi spazju ta' 8.67  metri kwadri (Dok FT1). Din l-area tikkorrispondi mal-area ta' 1.7 m x 5.1 m.kif koncessa lill-imputat fl-encroachment permit Dok FM1 skont l-iskizz LD 1/91; ma jistax ikun xort'ohra ghaliex il-licenza ma setghetx tawtorizza lill-imputat appellant iqieghed mwejjed jew siggijiet 'l barra mill-area tal-encroachment koncessa lill-imputat appellant mid-Dipartiment tal-Artijiet. Il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li meta l-pulizija marru fuq il-post barra l-istabbiliment tal-imputat kien hemm mwejjed u siggijiet f'area akbar minn dik koncessa lilu b'encroachment tant li biex jiskolpa ruhu Daniel Magrin wera lill-pulizija pjanta li kienet tindika area ferm ikbar minn dik koncessa lilu b'encroachment. Minn naha taghhom PS 664 u PC 102 li it-tnejn marru fuq il-post u setghu jaraw b'ghajnejhom l-area okkupata b'imwejjed u siggijiet. PS 664 kien ra l-iskizz LD 1/91 li tindika l-area tal-encroachment qabel mar fuq il-post u kien jaf tajjeb l-estensjoni tal-area koncessa lill-imputat

ghall-ghamara barra r-restaurant. PC 102 wkoll kien ra l-iskizz in kwistjoni. Iz-zewg ufficjali meta xhedu quddiem din il-Qorti kienu kategorici li l-art okkupata mill-ghamara kienet ferm akbar minn dik indikata fl-iskizz Dok LD 1/91 li tindika l-area tal-encroachment li fiha l-imputat seta jqieghed l-imwejjed u s-siggijiet. Dan kien bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenza moghtija lill-imputat appellant u ghal dan il-fatt kontra l-ligi jirrispondi wkoll l-imputat appellant kif gja spjegat.

**13.** Dan l-aggravju tal-appellant qieghed ghalhekk jigi respint.

**14. It-tieni aggravju** tal-appellant jirrigwarda eskluzzivament l-apprezzament tal-provi peress li l-appellant isostni li l-licenzja tal-imputat ma tispecifikax in-numru ta’ siggijiet u imwejjed li jistghu jitqieghdu barra l-istabbiliment izda tispecifika biss l-area tal-ispazju li fihom jistghu jitqieghdu l-imwejjed u s-siggijiet u ma giex ippruvat li tqieghdu xi mwejjed jew siggiijiet ‘l barra mill-arja specifikata. Ghalkemm huwa minnu li l-licenza ma tispecifikax in-numru ta’ mwejjed li l-imputat appellant seta’ jqieghed fl-ispazju indikat fil-licenza ta’ 8.67 metri kwadri il-permess tal-encroachment mid-Dipartiment tal-Artijiet jispecifika li setghu jitqieghdu biss tlett imwejjed. Fi kwalunkwe kaz, izda, din il-Qorti, kif inghad, hi sodisfatta minghajr ebda dubbju li fid-data relevanti quddiem l-istabbiliment licenzjat f’isem l-imputat appellant tqieghdu numru ta’ mwejjed u siggijiet f’area ferm akbar minn dik indikata fil-licenzja u ghalhekk dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b’dan li fl-eventwalita’ li l-appellant ghadu ma nehhiex il-kawza tar-reat u ghadu ma hax hsieb li jigu mharsa l-kondizzjonijiet imposti fil-licenza it-terminu ta’ tliet (3) xhur imsemmi fis-sentenza appellata ghall-ghanijiet msemmija ghandu jibda jiddekorri mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------